MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 164/2009

**Go p.l.c. (C - 22334)**

**vs**

**Andrew Briffa (I.D. 591841M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hames mija u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmi (€580.58), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go p.l.c. in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21674973, skont kif jirrizulta mid- dokumenti mmarkati ‘Dok. A, B u C’ annessi mal-avviz tat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament, u cioe' mill-4 ta' Awissu, 2005 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2009 mill-PL Noel Xerri, u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------